10 ta' Frar, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Pawlu Muscat**

**Riċettazzjoni — Eżenzjoni mill-Piena — Art. 348 para. 2 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li teħles lir-riċettatur mill-piena kemm il-darba huwa jagħti f'idejn l-awtorità kompetenti l-ħaġa riċettata hija applikabili biss jekk il-konsenja ta' l-oġġett riċettat issir lill-awto-*

*rità kompetenti meta din tkun għadha ma nbdietx ebda proċedura.*

*Fil-proċedura huma inklużi l-ordnijiet kollha li tkun tat il-Pulizija, kompriża t-tfittxija.*

Il-Qorti. — Rat l-attijiet kompilati kontra Pawlu Muscat fuq l-imputazzjoni illi l-Belt, fid-19 ta' Ottubru 1950, xjentement xtara arloġġ li l-valur tiegħu huwa aktar minn £3 imma anqas minn £10, li kien jaf li ġie akkwistat b'serq; u rat in-nota ta' l-Attorney General tal-20 ta' Novembru 1950, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta ħalli l-istess tiddeċidi fuq il-ħtija jew ħtijiet ta' kompetenza tagħha li tista' tinsab taħt dak li hemm maħsub fl-art. 348 (a) u 298 tal-Kodiċi Kriminali u fil-Government Notice nru. 337 ta' l-1940, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tal-5 ta' Diċembru 1950, li sabet lill-imsemmi Pawlu Muscat ħati ta' l-akkuża miġjuba kontra tiegħu, u, wara li rat l-art. 348 (a) u 298 para. 1 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 12), u n-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 337 ta' l-1940, f'lok ma kkundannatu għal piena, peress illi, skond il-fedina penali tiegħu eżibita, qatt ma kien qabel kundannat għal delitt, illiberatu taħt il-provvedimenti ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 12);

Rat ir-rikors ta' l-imputat, li bih dana appella quddiem dina l-Qorti kontra dik is-sentenza:

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-prov rriżulta li l-arloġġ in kwistjoni kien ġie misruq minn Morris Westwood minn għand l-arluġġar Michael Vassallo; u meta dak Westwood mar ħa banju għand l-imputat fil-ħanut ta' parrukkier, Westwood offra li jbiegħ dak l-arloġġ lill-akkużat, u talbu £2 tiegħu. L-akkużat offrielu £1, u minnufih Westwood aċċetta, u l-akkużat xtrah u ħallas il-£1 lil Westwood. Dak l-arloġġ kien jiswa aktar minn £2, u kien jaħdem. U tabilħaqq l-arloġġ ġie stmat mill-espert Taliana ħames liri (£5). Il-prezz baxx li tiegħu talab Westwood, u l-mod kif dan aċċetta minnufih nofs il-prezz

mitlub, meta huwa notorju li arloġġi bħal dak jiswew wisq iżjed, b'mod li kien juri li Westwood ried jeħles minnu malajr bi kwalunkwe prezz, kienu juru biċ-ċar li dak l-arloġġ ma kienx fil-pussess leġittimu ta' Westwood; u għalhekk l-akkużat ma setax ma ntebaħx li l-arloġġ kien ġie misruq. Huwa stabbilit fid-dottrina li "evidence of guilty knowledge........... is proved........... circumstantially, by proving that the prisoner bought them very much under their value" (Archbold, Criminal Pleadings, p. 757);

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużat ma marx radd minn jeddu l-arloġġ lill-Pulizija qabel ma tmexxiet ebda proċedura kriminali, għax huwa ikkunsinnah lill-Pulizija meta din għamlet it-tfittxija u talbitulu; u għalhekk mhux il-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-aħħar paragrafu ta' l-art. 348 tal-Kodiċi Kriminali. U tabilħaqq, għall-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni jeħtieġ li qabel il-konsenja ta' l-oġġett l-awtorità kompetenti tkun għadha ma mexxietx ebda proċedura, u fil-proċedura huma inklużi l-ordnijiet kollha li tkun tat il-Pulizija, kompriża t-tfittxija (ara sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Novembru 1913 in re "Rex vs. Eliseo Cauchi");

Għaldaqstant l-akkuża hija pruvata biżżejjed;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-akkużat u tikkonferma s-sentenza appellata.